TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 433/10

**Julian u Annabelle Cachia**

**vs**

**RC World Toys & Hobbies**

Illum 21 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' mija u għaxar ewro (€110), rappreżentanti prezz ta' *pool* illi wara li ntefaħ, niżel u dan fi żmien jumejn.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw *pool* għall-prezz ta' mija u għaxar ewro (€110) mingħand id-ditta intimata, u jidher illi kellu xi ħsara jew kellu xi toqob, għax wara li ntefaħ, wara jumejn reġa' niżel. Minkejja li talbu lill-intimat sabiex jinbidel il-*pool*, dan ma riedx u għalhekk qed jitolbu l-flus lura.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet baqa' ma deherx għas-seduta u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba, kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

It-Tribunal, jinnota li sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal, jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u aċċettabli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mija u għaxar ewro (€110), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888